# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 27 ta' Settembru 2022**

## Talba Numru 23/2020SFJ

**MONTALDO INSURANCE AGENCY LIMITED (C1052) GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' AIG EUROPE LIMITED, ILLUM MAGĦRUFA BĦALA AIG EUROPE S.A.**

**VS.**

**DAVID AZZOPARDI (0740053M) U PAUL D'AMATO (051544M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-23 ta' Jannar 2020 li permezz tagħha s-soċjetà attriċi nomine talbet li l-konvenuti jkunu solidalment ikkundannati jħallsuha l-ammont ta' tlett elef u erba' mija u tmienja u disgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€3,498.23) flimkien mal-imgħaxijiet legali, l-ispejjeż tal-kawża u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 253/2016, liema mgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tal-*lodo* arbitrali relattiv sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li ż-żewġ konvenuti kienu nnotifikati (fol. 8).

Ra r-Risposta tal-konvenut David Azzopardi (fol. 9) li fiha ressaq preliminarjament l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Ra li l-konvenut Paul D'Amato ma ppreżentax Risposta.

Ra s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha ċaħad l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenut David Azzopardi li kienet tirrigwarda l-preskrizzjoni.

Ra li skont il-verbal tas-6 ta' Diċembru 2021, ġie msejjaħ fil-kawża Carmel Pace.

Ra r-Risposta tal-kjamat fil-kawża ppreżentata fil-21 ta' Jannar 2022.

Qara d-dokumentazzjoni kollha, sema' l-provi u ra li l-kawża tħalliet għal sentenza finali għas-27 ta' Settembru 2021.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Il-parametri tal-kawża huma hekk:

Illi fit-3 ta' Lulju 2010, fi Triq il-Ġdida f'Ħal Qormi, il-vettura IAT781, assigurata mas-soċjetà attriċi, ħabtet mal-vettura EBO235, liema vettura tappartjeni lil terzi.

Illi qabel l-inċident, kien hemm *transfer of interest* tal-istess vettura mill-konvenut David Azzopardi favur il-konvenut l-ieħor, Paul D'Amato. Is-soċjetà attriċi tgħid li dan sar ad insaputa tagħha u għalhekk mingħajr l-*endorsement* tal-polza assigurattiva. Għalhekk kien ifisser li fiż-żmien tal-inċident, il-vettura IAT781 ma kinitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni.

Illi l-polza kellha klawsola li tgħid li s-soċjetà attriċi ma jkollha ebda responsabilità kemm-il darba l-parti assigurata ssir parti f'xi transazzjoni jew kuntratt ta' bejgħ tal-vettura (irrispettivament mill-validità *o meno* tal-ftehim jew kuntratt), b'riżultat ta' liema bejgħ, il-vettura ssir proprjetà ta' terzi. L-istess klawsola tkompli tgħid li jekk is-soċjetà attriċi tkun sfurzata tħallas xi ammont *ai termini* tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, l-assigurat ikun tenut iħallas l-istess somma lis-soċjetà attriċi.

Illi għalhekk, abbażi ta' din il-klawsola, is-soċjetà attriċi tgħid li l-konvenuti ma setgħux jużaw il-polza tal-assigurazzjoni sabiex ikopru d-drittijiet jew obbligi naxxenti kontrihom mill-inċident u l-*lodo* arbitrali (M2612/2011 deċiż fis-26 ta' Jannar 2015).

Illi mit-tielet paġna tal-*lodo* (fol. 23) jirriżulta li meta xehed Joseph Cassar (*senior claims handler* fi ħdan is-soċjetà attriċi quddiem l-arbitru, dan qal li matul telefonata, Paul D'Amato kien infurmah li kien xtara l-vettura mingħand David Azzopardi. Cassar imbagħad qal li nonostante, D'Amato qatt ma mar għand l-assigurazzjoni sabiex isir it-trasferiment u għalhekk, il-vettura baqgħet dejjem assigurata f'isem David Azzopardi.

Illi l-*lodo* (fol. 26), ikompli jgħid:

"*B'danakollu, jirriżulta kjarament mix-xhieda tal-uniku xhud prodott minnha, Joseph Cassar, illi l-pożizzjoni tal-istess soċjetà hija illi f'dan il-każ kien hemm il-ksur tal-obbligi kuntrattwali stabbiliti bil-polza tal-assigurazzjoni meta l-assigurat tal-istess soċjetà, David Azzopardi, allegatament biegħ il-vettura tiegħu lill-intimat mingħajr ma sar it-trasferiment relattiv.*

*Issa f'dan ir-rigward tajjeb illi jingħad illi din l-allegazzjoni tas-soċjetà intervenuta fil-kawża sfortunatament baqgħet fir-relm tal-allegazzjoni stante illi dak illi xehed Joseph Cassar jikkostitwixxi detto del detto in kwantu bbażat interament fuq dak illi l-intimat qal lill-istess xhud fuq it-telefon.*"

…

"*B'danakollu, għall-kompletezza, l-Arbitru tirrileva illi anke kieku s-soċjetà intervenuta fil-kawża rnexxielha tipprova illi l-vettura minnha assigurata kienet ġiet trasferita u kwindi kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali assunti mill-polza tal-assigurazzjoni, dan xorta waħda ma jeżonerax lill-istess soċjetà ta' assigurazzjoni milli tonora l-obbligu ta' indennizz lit-terz danneġġjat, f'dan il-każ ir-rikorrenti – dejjem, pero, bid-dritt ta' rivalsa kontra l-assigurat tagħha u anke x-xufier effettiv, hawnhekk intimat, ai termini tal-polza tal-assigurazzjoni.*"

L-eżitu tal-*lodo* kien:

"*Għaldaqstant l-Arbitru tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti billi filwaqt illi ssib illi l-intimat kien jaħti unikament għall-inċident illi seħħ fit-3 ta' Lulju 2010 ġewwa Ħal Qormi, tikkundannah sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf sitt mija tnejn u tmenin Euro u tlett ċenteżmi (€1,682.03), bl-interessi mit-23 ta' Frar 2011 data tan-notifika ta' dawn il-proċeduri skont il-Liġi, sad-data tal-ħlas effettiv.*

*L-ispejjeż tar-rikorrenti jiġu sopportati mill-intimat, mentri s-socjetà intervenuta fil-każ Montaldo Insurance Agency Limited noe tbati l-ispejjeż tagħha stess. Għal kull buon fini, jiġi ddikjarat illi d-drittijiet tal-istess soċjetà intervenuta fil-każ Montaldo Insurance Agency Limited noe fil-konfront tal-intimat u/jew l-assigurat David Azzopardi jibqgħu impreġudikati, si et quatenus.*"

Id-dokument ippreżentat mis-soċjetà attriċi (fol. 19) huwa l-*front page* ta' ammont ta' dokumenti u jindika l-ispejjeż inkorsi mis-soċjetà attriċi hekk:

| | |
|---|---|
| €2,237.61 | *Settlement of damages to third party – Jasper Azzopardi (including interest (€1,682.03 + €555.58)* |
| €905.34 | *Legal fees as per taxed bill of costs* |
| €266.32 | *Legal fees as per taxed bill of costs paid to our legal advisor* |
| €140.36 | *Legal expenses for the issuing of 166A against our insured and driver* |
| €88.96 | *Copies paid legal fees D33/D33* |
| **€3,498.23** | **TOTAL** |

Jirriżulta għalhekk ċar li permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qed tfittex li tirkupra ammonti konsegwenzjali għall-proċeduri tal-arbitraġġ. Dak li qed titlob is-soċjetà attriċi ma jinvolvix danni *per se* fis-sens li l-iskop ta' din l-azzjoni mhuwiex li l-materja dibattuta fl-arbitraġġ tkun ri-litigata. Is-soċjetà attriċi tagħmilha ben ċara li l-ispejjeż li qed tfittex li tirkupra mingħand il-konvenuti huma spejjeż li spiċċat ħallset hija stess b'riżultat tal-*lodo*.

David Azzopardi, prodott mis-soċjetà attriċi in eżami, xehed li madwar seba' snin qabel tela' jixhed, huwa biegħ il-vettura IAT781 lil ċertu Charlie, li kien *dealer* tal-vetturi sitwat f'Santa Venera. Dan kien qallu li ser jaqleb il-vettura fuq ismu (jiġifieri jneħħiha minn fuq isem David Azzopardi). Huwa qal li ma kien jaf xejn dwar l-inċident tat-3 ta' Lulju 2010, li ma kienx jaf lil Paul D'Amato, u li ma kienx tkellem mal-assigurazzjoni tiegħu.

Karen Cremona, rappreżentant tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, qalet li l-vettura IAT781 kienet irreġistrata f'isem David Azzopardi bejn id-9 ta' Jannar 2009 u s-27 ta' Lulju 2010 u li mis-27 ta' Lulju 2010 'il quddiem kienet irreġistrata f'isem Paul D'Amato.

Dan jindika lit-Tribunal li fid-data tal-inċident, jiġifieri fit-3 ta' Lulju 2010, il-vettura kienet għadha rreġistrata f'isem David Azzopardi. Stephen Cassar, li fiż-żmien relattiv kien *Warden 31*, qal li skont il-*prime note* li kiteb *a tempo vergine*, is-sewwieq tal-vettura IAT781 fiż-żmien relattiv kien Paul D'Amato.

Inoltre, Jasper Azzopardi, li kien il-persuna ddanneġġjat skont il-*lodo* arbitrali, xehed f'dawn il-proċeduri u kkonferma li kien Paul D'Amato li kien qiegħed isuq il-vettura li ħabtet fih.

Jirriżulta ċar għalhekk li għalkemm fit-3 ta' Lulju 2010 il-vettura kienet għadha rreġistrata f'isem David Azzopardi, kien qiegħed jagħmel użu minnha Paul D'Amato, li eventwalment ġie rreġistrat bħala s-sid tal-vettura mis-27 ta' Lulju 2010 'il quddiem.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Charlene Azzopardi (bint il-konvenut David Azzopardi) li l-istess konvenut kien biegħ il-vettura lid-*dealer* Charlie Pace iżda dan id-*dealer* qatt ma għamel dak li kellu jagħmel biex il-vettura tkun irreġistrata f'ismu f'għajnejn l-awtoritajiet kompetenti.

Il-kjamat fil-kawża, Carmel Pace, xehed, *inter alia*, li l-ftehim li kellu ma' Paul D'Amato kien li l-istess D'Amato kellu jittrasferixxi l-vettura għal fuq ismu *qua* s-sid il-ġdid tal-vettura.

Għal din il-kawża japplika l-Art. 26 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jipprovdi li:

> *26. Kull persuna msemmija fuq il-liċenza bħala s-sid jew bħala wieħed mis-sidien, li tkun biegħet jew xort'oħra ttrasferiet il-jedd tagħha fuq il-vettura li għaliha tkun tirriferixxi l-liċenza, għandha tagħti avviż lill-Awtorità ta' dak il-bejgħ jew trasferiment, u għandha fl-istess ħin tippreżenta l-liċenza sabiex jitniżżlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgħ jew tat-trasferiment; u jekk dak l-avviż ma jiġix mogħti u l-liċenza ma tiġix ippreżentata, dik il-persuna, għad li jkun sar dak il-bejgħ jew trasferiment, tibqa' suġġetta għad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza bħala sid jew wieħed mis-sidien tal-vettura.*

Għalhekk, skont l-Art. 26 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-responsabilità hija unikament ta' David Azzopardi billi kien hu s-sid irreġistrat tal-vettura. Kienet responsabilità tiegħu li ladarba biegħ jew b'mod ieħor ittrasferixxa l-vettura IAT781 lil terzi, jinforma lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta tramite l-mezzi xierqa, inkluż il-mili tal-formoli relattivi. Bid-dovut rispett, wieħed ma jistax jinjora dak li tgħid il-liġi u mbagħad jargumenta, f'dan il-każ, li Charlie Pace kien wiegħed li kien ser isir it-trasferiment. Skont il-liġi, l-obbligu ma kienx tad-*dealer* jew tax-xerrej, iżda ta' David Azzopardi *qua* bejjiegħ.

It-Tribunal isib li s-soċjetà attriċi għandha kull raġun targumenta li kulma sar, sar ad insaputa tagħha. M'hemmx prova li s-soċjetà attriċi ġiet infurmata bit-trasferiment. Hija għandha raġun ukoll tgħid li *siccome* qatt m'għamlet *endorsement*, allura l-polza tal-assigurazzjoni waqgħet. Jista' jingħad li kif Azzopardi kien obbligat jinforma lill-Awtorità bit-trasferiment, hekk ukoll kien obbligat jinforma lill-assigurazzjoni.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li qara l-atti tal-kawża, sema' lix-xhieda u ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, it-Tribunal:

i. Jillibera lill-kjamat fil-kawża Carmel Pace mill-osservanza tal-ġudizzju;

ii. Jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti ta' David Azzopardi wara li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa minnu kienet diġà miċħuda mit-Tribunal;

iii. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u jikkundanna lill-konvenuti David Azzopardi u Paul D'Amato *in solidum* sabiex iħallsuha l-ammont ta' tlett elef u erba' mija u tmienja u disgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€3,498.23) bl-imgħaxijiet li għandhom jiddekorru b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi u kkalkulati mid-data tal-*lodo* arbitrali inkwistjoni sad-data tal-pagament effettiv;

iv. Jordna li l-ispejjeż konnessi mal-ittra uffiċjali 253/2016 jitħallsu mill-konvenuti *in solidum*.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenuti *in solidum*.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**